C/2024/5983

2.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-24 ta' Settembru 2024

li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka

(C/2024/5983)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022 [2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Christina Sode HASLUND sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

(3) Il-Gvern tad-Danimarka ppreżenta kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Sune Fejerskov RØNDE huwa maħtur membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Christina Sode HASLUND għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28/02/2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-24 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

---

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).